VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 425 tal-2016

ORDINANZA DWAR ID-DFIN
(KAP. 17)

Ordni tal-2016 li jemenda l-Ordni dwar il-Prezz li għandu jitħallas għall-Akkwist ta' Oqbra u Siti għal Oqbra

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 tal-Ordinanza dwar id-Dfin, il-Ministru għas-Saħħa, bi qbil mal-Ministru għall-Finanzi, għamel dan l-Ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2016 li jemenda l-Ordni dwar il-Prezz li għandu jitħallas għall-Akkwist ta' Oqbra u Siti, u dan l-Ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar il-Prezz li għandu jitħallas għall-Akkwist ta' Oqbra u Siti għal Oqbra, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Ordni prinċipali". L.S. 17.02

Jissostitwixxi l-artikolu 3 tal-Ordni prinċipali.

2. L-artikolu 3 tal-Ordni prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-prezz li għandu jitħallas għall-akkwist ta' qabar f'xi ċimiterju tal-Gvern (inkluż il-kumpens għas-sit) għandu jkun ta' €8,000:

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikiaw għall-prezz pagabbli għall-akkwist ta' qabar mibni f'xi ċimiterju tal-Gvern, inkluż il-prezz għall-konċessjoni tas-sit, għal dawk l-applikanti li ffirmaw ftehim preliminari mal-Gvern qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Ordni.".

Iħassar l-artikoli 4, 5, 6, 7 u 8 tal-Ordni prinċipali.

3. L-artikoli 4, 5, 6, 7 u 8 tal-Ordni prinċipali huma b'dan imħassra.

Jemenda l-artikolu 9 tal-Ordni prinċipali.

4. L-artikolu 9 tal-Ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) l-artikolu preżenti għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-artikolu 4 tal-Ordni prinċipali; u

(b) minflok il-kliem "fl-artikoli 6, 7 jew 8" fl-imsemmi artikolu, kif enumerat mill-ġdid, għandhom jidħlu l-kliem "fl-artikolu 3".